# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Affaire C-798/23 [Abbottly][i]**

**Minister for Justice**
**vs**
**SH**

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mis-Supreme Court (l-Irlanda))

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-9 ta' Ottubru 2025**

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 4a(1) – Proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri – Mandat ta' Arrest Ewropew – Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni – Raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva – Eżekuzzjoni obbligatorja – Eċċezzjonijiet – Kunċett ta' 'proċess li rriżulta fid-deċiżjoni' – Piena addizzjonali ta' tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija – Ksur tal-kundizzjonijiet imposti abbażi ta' dan it-tqegħid – Deċiżjoni li tikkonverti t-tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija f'piena li ċċaħħad il-libertà – Piena ppronunzjata fil-kontumaċja"

*Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri – Raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattivi tal-mandat ta' arrest Ewropew – Mandat maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena imposta fil-kontumaċja – Nuqqas tal-persuna kkonċernata li tidher personalment fil-proċess – Kunċett ta' proċess li wassal għad-deċiżjoni – Kunċett ta' deċiżjoni – Deċiżjoni li tikkonverti piena ta' tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija f'piena li ċċaħħad il-libertà abbażi ta' proporzjon fiss – Inklużjoni*

*(Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299, Artikolu 4a(1))*

(ara l-punti 36, 44 sa 51, 54 u d-dispożittiv)

**Sunt**

Fil-kuntest ta' proċedura dwar l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew (iktar 'il quddiem il-"mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni") maħruġ kontra persuna fiżika, għall-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà mogħtija wara l-konverżjoni ta' piena addizzjonali ta' tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kunċett ta' "proċess li rriżulta fid-deċiżjoni" li jinsab fl-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584[1].

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

[1] Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45) kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas 2002/584").

Il-persuna kkonċernata, SH, ġie kkundannat fl-2014 mill-qrati Latvjani għal żewġ reati kriminali. Fl-2015, dawn il-kundanni ġew miġbura f'piena li ċċaħħad il-libertà ta' tul totali ta' erba' snin u disa' xhur, flimkien ma' piena addizzjonali ta' tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija għal perijodu ta' tliet snin, li tibda tiddekorri mill-mument li fih SH ikun skonta l-piena li ċċaħħad il-libertà tiegħu.

Peress li SH ma osservax l-obbligu, meħtieġ minħabba t-tqegħid tiegħu taħt sorveljanza tal-pulizija, li jippreżenta ruħu fl-għassa tal-pulizija fi żmien tlett ijiem ta' xogħol wara li ġie lliberat, huwa nstab ħati ta' reat amministrattiv u kkundannat għall-ħlas ta' żewġ multi.

Fid-19 ta' Awwissu 2020, fuq talba tad-dipartiment tal-għassa tal-pulizija Latvjana kompetenti, il-qorti Latvjana kompetenti tat deċiżjoni li tordna li t-tul li kien għadu ma ġiex eżegwit tal-piena addizzjonali ta' tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija ta' SH, jiġifieri sentejn u jumejn, jiġi kkonvertit f'piena ta' priġunerija ta' sena u ġurnata, konformement mal-possibbiltà prevista mid-dritt kriminali Latvjan[2]. Din id-deċiżjoni ngħatat wara seduta li fiha SH, peress li ma rċeviex iċ-ċitazzjoni għad-dehra indirizzata lilu, ma deherx. Id-deċiżjoni ma ġietx ikkontestata fl-appell minn SH.

Il-qorti Latvjana kompetenti sussegwentement ħarġet mandat ta' arrest Ewropew fir-rigward ta' SH għall-eżekuzzjoni tal-piena li ċċaħħad il-libertà mogħtija kontrih fid-19 ta' Awwissu 2020.

Il-Minister for Justice and Equality (il-Ministru għall-Ġustizzja u għall-Ugwaljanza, l-Irlanda) talab lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti Irlandiżi l-konsenja ta' SH lir-Repubblika tal-Latvja abbażi tal-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni. Wara ċ-ċaħda tat-talba fl-ewwel istanza, imbagħad fl-appell, abbażi tad-dispożizzjoni li tittrasponi fid-dritt Irlandiż l-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584[3], il-Ministru għall-Ġustizzja u għall-Ugwaljanza ppreżenta appell eċċezzjonali quddiem il-qorti tar-rinviju, is-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda).

Skont il-qorti tar-rinviju, id-deċiżjoni inkwistjoni kienet paragunabbli mar-revoka tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena li, konformement ma' dak li kkonkludiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Ardic[4], ma kinitx taqa' taħt l-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Minn din is-sentenza jirriżulta li l-kunċett ta' "deċiżjoni" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni ma jkoprix deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni jew dwar l-applikazzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà deċiża preċedentement, bħar-revoka ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni, ħlief meta din id-deċiżjoni jkollha l-għan jew l-effett li tbiddel in-natura jew il-*quantum* tal-imsemmija piena u li l-awtorità li tkun tatha bbenefikat, f'dan ir-rigward, minn marġni ta' diskrezzjoni.

F'dan il-każ, peress li ebda deċiżjoni ġudizzjarja ġdida li tbiddel in-natura u l-*quantum* tal-piena li ċċaħħad il-libertà mogħtija preċedentement ma ttieħdet mill-qorti Latvjana li ħarġet il-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni, il-qorti tar-rinviju qieset li ma hemmx lok li tiġi rrifjutata l-konsenja ta' SH. Fil-fatt, fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet tat-tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija, it-tul taċ-ċaħda tal-libertà li jista' jiġi deċiż jiġi ddeterminat minn kalkolu aritmetiku previst mid-dritt Latvjan. Id-deċiżjoni li tikkonverti l-piena addizzjonali ta' tqegħid taħt

[2] Id-dritt kriminali Latvjan jipprevedi l-possibbiltà għall-qorti nazzjonali kompetenti, meta jingħataw żewġ kundanni, fuq perijodu ta' sena, minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet li kien suġġett għalihom it-tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija, li l-piena addizzjonali ta' tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija tiġi kkonvertita f'piena li ċċaħħad il-libertà ta' tul determinat abbażi ta' proporzjon fiss, jiġifieri jum ta' priġunerija għal jumejn ta' sorveljanza tal-pulizija li jkunu għadhom iridu jiġu skontati.

[3] Dan l-artikolu jipprovdi li l-awtorità ġudizzjarja tal-eżekuzzjoni tista' tiċħad l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet li tiġi eżegwita sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni jekk il-persuna ma dehritx personalment fil-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni, ħlief fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1(a) sa (d) da' dan l-Artikolu.

[4] Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2017, Ardic (C-571/17 PPU, EU:C:2017:1026).

sorveljanza tal-pulizija f'piena li ċċaħħad il-libertà tista' għalhekk tixbah deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni jew l-applikazzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà mogħtija preċedentement u għalhekk ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

Madankollu, il-qorti tar-rinviju kelha dubji sa fejn, minkejja li l-perspettiva ta' piena ta' priġunerija ġdida kienet inerenti għall-pieni mogħtija preċedentement kontra SH u miġbura fl-2015, il-piena mogħtija fid-19 ta' Awwissu 2020 mhux sempliċement imponiet fuq SH l-obbligu li jiskonta l-pieni ta' priġunerija stabbiliti inizjalment.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Suprema staqsiet jekk kinitx taqa' taħt il-kunċett ta' "proċess li rriżulta fid-deċiżjoni" fis-sens tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, proċedura li fi tmiemha qorti nazzjonali tkun tista' tordna, minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet li kienet ġiet suġġetta għalihom piena ta' tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija li għaliha l-persuna kkonċernata kienet preċedentement ġiet ikkundannata flimkien ma' piena li ċċaħħad il-libertà, il-konverżjoni tat-tul mhux skontat ta' din il-piena addizzjonali f'piena li ċċaħħad il-libertà.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jillimita l-possibbiltà li tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew billi jelenka, b'mod eżawrjenti, fil-punti (a) sa (d) ta' din id-dispożizzjoni, il-każijiet li fihom ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija fi tmiem kawża li fiha l-persuna kkonċernata ma tkunx dehret personalment ma jistgħux jiġu rrifjutati.

Fil-fatt, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 4a(1)(a) sa (d) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew ma tippreġudikax id-drittijiet għal rimedju effettiv u għal smigħ xieraq u lanqas id-drittijiet tad-difiża tal-persuna kkonċernata.

Qabel ma tivverifika l-eżistenza ta' wieħed minn dawn il-każijiet, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tiddetermina jekk tkunx ikkonfrontata b'sitwazzjoni li fiha l-persuna rikjesta ma tidhirx personalment fil-"proċess li rriżulta fid-deċiżjoni", fis-sens tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

Skont ġurisprudenza stabbilita, din l-espressjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tinftiehem bħala li tindika l-proċedura li twassal għad-deċiżjoni ġudizzjarja li tkun ikkundannat definittivament lill-persuna li l-konsenja tagħha tintalab fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew[5].

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni jew l-applikazzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà mogħtija preċedentement ma tikkostitwixxix "deċiżjoni", fis-sens tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, ħlief meta taffettwa d-dikjarazzjoni ta' ħtija jew ikollha bħala għan jew effett li tbiddel jew in-natura jew il-*quantum* ta' din il-piena u li l-awtorità li tatha bbenefikat, f'dan ir-rigward, minn marġni ta' diskrezzjoni[6].

[5] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Generalstaatsanwaltschaft Berlin (Kundanna fil-kontumaċja) (C-396/22, EU:C:2023:1029, punti 26 u 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[6] Sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2017, Ardic (C-571/17 PPU, EU:C:2017:1026, punti 77 u 88), u tat-23 ta' Marzu 2023, Minister for Justice and Equality (Tneħħija tas-sospensjoni) (C-514/21 u C-515/21, EU:C:2023:235, punt 53).

Issa, f'dan il-każ, il-bażi tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew kienet id-deċiżjoni li tikkonverti l-piena addizzjonali ta' tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija f'piena li ċċaħħad il-libertà. Peress li l-qorti tar-rinviju staqsiet jekk tali deċiżjoni setgħetx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, sa fejn hija ma jkollhiex l-għan jew l-effett li tbiddel in-natura u/jew il-*quantum* tal-piena mogħtija preċedentement fir-rigward tal-persuna rikjesta u sa fejn l-awtorità li tatha ma jkollhiex, f'dan ir-rigward, marġni ta' diskrezzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja vverifikat jekk id-deċiżjoni inkwistjoni setgħetx tiġi kklassifikata bħala "deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni jew l-applikazzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà mogħtija preċedentement", fis-sens tal-ġurisprudenza, f'liema każ din ma tkunx tikkostitwixxi "deċiżjoni" fis-sens tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li d-dritt Latvjan jidher li kien jagħmel distinzjoni bejn deċiżjoni li timponi piena li ċċaħħad il-libertà u deċiżjoni ta' tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija, peress li din l-aħħar deċiżjoni tikkostitwixxi, min-natura tagħha, dejjem piena addizzjonali għal piena li ċċaħħad il-libertà.

Barra minn hekk, id-dritt Latvjan ma jidhirx li kien jipprevedi mekkaniżmu ta' konverżjoni awtomatika ta' piena ta' tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija f'piena li ċċaħħad il-libertà jekk il-persuna kkonċernata tikser il-kundizzjonijiet ta' dan it-tqegħid, peress li l-qorti kellha setgħa diskrezzjonali f'dan ir-rigward.

Barra minn hekk, il-piena li ċċaħħad il-libertà eventwalment imposta wara n-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet tal-piena addizzjonali għandha l-għan li tippenalizza, mhux ir-reat kriminali inizjali li ta lok għall-għoti, bħala piena addizzjonali, tal-piena ta' tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija, iżda l-ksur speċifiku tal-kundizzjonijiet li din il-piena tal-aħħar kienet suġġetta għalihom.

Konsegwentement, deċiżjoni li timponi piena li ċċaħħad il-libertà minflok il-piena addizzjonali ta' tqegħid taħt sorveljanza tal-pulizija ma tikkostitwixxix deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni jew l-applikazzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà mogħtija preċedentement, iżda għandha titqies li hija deċiżjoni li timponi piena li ċċaħħad il-libertà ġdida, li n-natura tagħha hija differenti minn dik li tkun ġiet inizjalment stabbilita.

Tali deċiżjoni għandha tiġi kklassifikata bħala "deċiżjoni", fis-sens tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, u l-proċedura li fi tmiemha tkun ġiet adottata għandha titqies li taqa' taħt il-kunċett ta' "proċess li rriżulta fid-deċiżjoni", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dak li huwa importanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni bħala "proċess li rriżulta fid-deċiżjoni", fis-sens tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, huwa li l-proċedura dwar il-konverżjoni tal-piena tkun tista' twassal għal ċaħda tal-libertà li, minkejja li kienet prevedibbli fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet li għalihom kienet ġiet suġġetta l-piena ta' sorveljanza tal-pulizija, ma kinitx, bħala tali, parti mill-kundanna inizjali u għalhekk talbet l-għoti ta' kundanna ġdida li tissostitwixxi l-ewwel waħda.